Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 53/2014AE

**Harald Kunz u Michael Bock**

**Vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

L-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016.

Fit-8 ta' Lulju 2014, ir-rikorrenti pprezentaw rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn ikkontestaw decizjoni tal-intimata li biha giet michuda t-talba tghhom l-applikazzjoni taghhom sabiex jinghataw licenzja tas-sewqan f'Malta. Fil-fatt f'ittra datata 18 ta' Gunju 2014, inghad:

*"RE: Driving Licence applications for Mr Bock and Mr Kunz.*

*We refer to exchange of correspondence between us, subsequent to previous correspondence also with your clients directly.*

*Please note that the Authority has reviewed all documentation again and is still of the position that since both your clients had filled in and presented a false declaration, we cannot process their application further. Matter had also been referred to the German driving licence authorities and to the Malta Police Force.*

*You may therefore appeal to this decision as provided for in Article 40 of the Authority for Transport in Malta Act"*.

Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal sabiex:-

1. Jiddikjara li d-decizjoni tal-intimata li ma tkomplix tipprocessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti, hi irregolari;
2. Tikkundanna lill-intimata sabiex tkompli tipprocessa l-applikazzjoni u tinghata data u hin sabiex jerga' jsir l-ezami prattiku.

L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita kienet li r-rikors hu null ghaliex giet prezentata azzjoni kollettiva meta m'hemmx konnessjoni bejn l-azzjonijiet. B'sentenza tal-20 ta' Novembru 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni wara li kkonkluda li:-

i. Ir-rekwiziti tal-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 huma sodisfatti;
ii. L-Awtorita' intimata ghazlet li tindirizza l-ilmenti tar-rikorenti b'decizjoni wahda identika u f'ittra wahda.

L-Awtorita ntimata appellat mis-sentenza. Bazikament l-aggravju hu li fil-kaz in ezami m'hemmx ir-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 sabiex tkun tista' ssir azzjoni kollettiva, u dan mehud in konsiderazzjoni li:

i. Kull wiehed mir-rikorrenti pprezenta applikazzjoni ghalih u m'hemm l-ebda konnessjoni bejniethom.
ii. Fir-rigward ta' kull applikazzjoni l-Awtorita tat decizjoni separata. Kull applikazzjoni giet ikkunsidrata fuq il-meritu taghha.
iii. 'Il fatt li applikazzjoni giet michuda ghal ragunijiet simili jew identici ghal xulxin, dan ma jfissirx li dan jaghti lok li kellha ssir azzjoni wahda.
iv. 'Il fatt li l-ittra tar-rifjut wahda lid-difensur tar-rikorrenti, ma jfissirx li kien hemm decizjoni wahda. Sar hekk biex jigi accertat li l-ittra ta' rifjut tkun notifikata peress li l-Awtorita' kien qieghed ikollha hafna applikazzjonijiet minn persuni barranin li m'ghandhom l-ebda konnessjoni ma' xulxin u xorta juzaw l-istess indirizz.

L-appellati wiegbu:

1. L-appell hu null ghaliex l-Awtorita ma talbitx permess sabiex tappella mis-sentenza tal-20 ta' Novembru 2014 (Artikolu 231 tal-Kap. 12).
2. F'dan il-kaz gew sodisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

1. Wara s-sentenza tal-20 ta' Novembru 2014 ma jirrizultax li l-Awtorita' intimata talbet permess sabiex tappella mis-sentenza parzjali.

2. Fil-kaz **Emanuel Cutajar vs L-Awtorita ghat-Trasport F'Malta**, din il-qorti qalet:-

   *"1.Mill-atti jirrizulta li l-appellanti qatt ma talbet il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza parzjali tad-19 ta' Mejju 2014.*

   *Skond l-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490),*

   *"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkollu l-istess setghat li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili".*

   *Imbaghad l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 jipprovdi li appell minn sentenza parzjali jista' jsir biss wara li jinghata permess mill-qorti bil-miftuh.*

   *Fil-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemmx provvediment generali li jghid li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Fil-*

*fatt l-Artikolu 15 jipprovdi li l-Ministru tal-Gustizzja jista' jaghmel regolamenti li:-*

*"jistabbilixxu liema disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk ikun hemm, li ma ġewx imsemmija f'dan l-Att, jekk hemm, għandhom japplikaw għall-proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".*

*Min-naha l-ohra fil-Kap. 490 hemm disposizzjonijiet li jipprovdu espressament li japplikaw certu provvedimenti tal-Kap. 12 (ara per ezempju Artikoli 9(3), 13(2), 15 u 23(2) tal-Kap. 490). Madankollu m'hemmx riferenza espressa ghall-Artikolu 231 tal-Kap. 12.*

*Wiehed jista' jargumenta li peress li wahda mis-setghet tal-Prim'Awla hi li tawtorizza parti sabiex tappella minn sentenza parzjali (Artikolu 231 tal-Kap. 12) u skond l-Artikolu 20 tal-Kap. 490 it-Tribunal ghandu l-istess setghat li ghandha l-Prim'Awla, allura l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika wkoll fil-kaz ta' proceduri quddiem it-Tribunal".*

Ma sar l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-qorti biex tibdel din il-fehma.

**Ghaldaqstant tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellati u tiddikjara l-appell null. Spejjez a karigu tal-appellanti**.

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.